MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 167/2019 LM

**Lawrence D'Amato, detentur tal-Karta tal-Identità numru 58691(M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Colin Schiavone, detentur tal-Karta tal-Identità numru 528488(M) u Karin Mifsud**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-attur **Lawrence D'Amato** [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tat-12 ta' April, 2022 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mogħtija fil-konfront tal-konvenuti **Colin Schiavone** u **Karin Mifsud**, li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi laqa' l-

eċċezzjonijiet tal-konvenuti, ċaħad it-talba prinċipali tal-attur, u filwaqt li laqa' l-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti, ordna li l-attur iħallas lill-konvenuti is-somma ta' elfejn, tmien mija u erbgħa u ħamsin Euro (€2,854), bl-imgħax legali b'effett mit-23 ta' Lulju, 2019, sad-data tal-pagament effettiv.

**Fatti**

2. L-attur fetaħ proċeduri quddiem it-Tribunal sabiex il-konvenuti jħallsuh għal xogħol ta' kisi u tibjid li għamel f'fond tagħhom, filwaqt li l-konvenuti wieġbu li x-xogħol mhux biss ma sarx skont is-sengħa u l-arti, iżda l-istess xogħol ikkawżalhom danni u għalhekk permezz ta' kontro-talba talbu li l-Qorti tikkundanna lill-attur għall-ħlas tad-danni kkaġunati lilhom.

**Mertu**

3. Permezz tal-Avviż tat-Talba tiegħu, l-attur spjega li huwa għamel xi xogħol ta' kisi ta' soqfa u ħitan, inkluż l-installazzjoni tal-*gypsum* fil-fond indikat bħala appartament 6, Windmill Court, Block A, Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar. Qal li dawn ix-xogħlijiet tlestew minnu u huwa ppreżenta l-kont lill-konvenuti f'Jannar tal-2019, fejn ippretenda ħlas ta' €4,912, u spjega li fuq dan il-kont huwa offra skont ta' €1,000. L-attur qal li minkejja li interpellati sabiex jersqu għall-ħlas dovut, il-konvenuti baqgħu inadempjenti, u kien għalhekk li huwa kellu jiftaħ dawn il-proċeduri.

4. Fir-risposta tagħhom, il-konvenuti qalu li t-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda għaliex il-fattura ppreżentata lilhom fit-13 ta' Jannar, 2019 iżżid il-VAT

fuq ammont li skont l-istima preċedenti tad-29 ta' April, 2018 ma teskludix il-VAT. Qalu wkoll li huma m'għandhom iħallsu xejn, għaliex minkejja li l-attur qiegħed jitlob ħlas eċċessiv, ix-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti, huwa difettuż, m'għandu l-ebda utilità, u jeħtieġ li jinqala' u jsir mill-ġdid, kif ċertifikat mill-Perit AIC Godwin Abela. Il-konvenuti qalu wkoll li huwa l-attur li għandu jħallas lilhom għad-danni sofferti minnhom minħabba x-xogħol tiegħu mhux skont s-sengħa u l-arti, u għalhekk huma qegħdin iressqu kontro-talba f'dan is-sens.

5. Fil-kontro-talba tagħhom, il-konvenuti rikonvenzjonanti spjegaw li huma qegħdin jirrespinġu t-talbiet attriċi, u żiedu jgħidu li huma mhux talli m'għandhom jagħtu xejn lill-attur, talli huwa l-attur li għandu jħallashom is-somma ta' elfejn, tmien mija u erbgħa u ħamsin Euro (€2,854) rappreżentanti kwantu għas-somma ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500), rimbors tas-somma mħallsa mill-konvenuti lill-attur, u tliet mija u erbgħa u ħamsin Euro (€354) spejjeż biex il-konvenuti setgħu jinkarigaw lill-AIC Godwin Abela sabiex jagħmel rapport wara li l-attur esegwixxa l-appalt mhux skont is-sengħa u l-arti.

6. Waqt id-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal, l-attur **Lawrence D'Amato** spjega li huwa jaħdem għal rasu, u jagħmel xogħol ta' *gypsum.* Qal li huwa ħadem lil ċertu Alex, li rrakkomandah lill-konvenuti. Qal li huwa mar jara l-post tal-konvenuti, ftehmu fuq il-prezz, u sussegwentement inbeda x-xogħol. L-attur spjega li x-xogħol kien jinvolvi l-kisi bil-ġibs tal-post kollu tal-konvenuti, li jikkonsisti f'appartament f'Ħaż-Żabbar. Fl-*affidavit* tiegħu l-attur qal li huwa jagħmel xogħol ta' kisi bil-ġibs u affarijiet relatati, fosthom żebgħa, tikħil u xogħol simili. Qal li huwa kien mar fuq il-post u vverifika x'kien meħtieġ li jsir, u

dakinhar kien ta lill-konvenuti stima fis-somma ta' €5,929 (minbarra l-VAT), u dan għax-xogħol kollu tal-kisi bil-ġibs u ż-żebgħa bajda. L-attur qal li l-materjal għal dan ix-xogħol kellu jinxtara mill-konvenuti. Qal ukoll li x-xogħlijiet bdew f'Settembru 2018 u tlestew sa Diċembru tal-istess sena, u tul dawn l-erba' xhur huwa kellu jieqaf xi drabi sabiex jagħmel xogħol għal klijenti oħra. Qal ukoll li l-konvenuti żidulu xi xogħol fuq dak li kien oriġinarjament miftiehem, liema xogħlijiet ma kinux inklużi fl-ewwel stima maħruġa minnu, u li kienu jammontaw għal €1,200 (minbarra l-VAT). Qal li meta beda jagħmel dawn ix-xogħlijiet, huwa talab lill-konvenut iħallsu depożitu diversi drabi, iżda l-konvenut kien dejjem iġib xi skuża, u kien biss ġimgħa qabel tlesta x-xogħol li dan tah €2,500 bħala depożitu. Qal li wara li lesta x-xogħol, il-konvenuti kienu kuntenti ħafna, u kien għalhekk li huwa talabhom il-kumplament tal-flus, iżda dawn qalulu li kien hemm xi problemi li huma riedu jindirizzaw. L-attur qal li madwar ġimgħatejn wara, il-konvenuti sejħulu fuq il-post, fejn qalulu li xtaqu jkellmuh dwar il-kont, u bdew jinsistu li huwa kien żamm prezz għoli ħafna. L-attur qal li l-partijiet kienu ftehmu fuq il-prezz minn qabel, iżda minkejja dan l-attur xorta waħda qabel li jaqta' €1,200 minn fuq il-kont. L-attur qal li l-konvenut beda jibgħatlu messaġġi fejn qallu li ma xtaqx jiġġieled miegħu, u minkejja li kien kuntent bix-xogħol, xorta waħda ma kienx dispost li jħallas l-ammont mitlub. L-attur qal li kien għalhekk li huwa ddeċieda li jibgħat ittra legali lill-konvenut, imma minn dakinhar il-konvenut bidel l-atteġġjament tiegħu, fis-sens li beda jallega li l-attur kien għamillu ħsara fl-appartament u li kien ħalla ħafna ħmieġ. L-attur qal li kemm dam jaħdem fil-post tal-konvenuti kienet inkisret maduma waħda li huwa ħallas għaliha minn butu, u huwa kien jieħu ħsieb ukoll inaddaf wara li jlesti x-

xogħol. L-attur qal li finalment il-konvenuti offrewlu ħlas ta' €2,300 għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tiegħu, iżda hu m'aċċettax din l-offerta.

7. Permezz ta' nota, l-attur ippreżenta kopja tal-istima oriġinali li kien ta lill-konvenuti, kopja tal-*invoice* mibgħuta lill-konvenuti għax-xogħlijiet li saru minnu fil-fond tal-konvenuti, u kopja ta' *screenshots* ta' diversi konverżazzjonijiet li l-attur kien ikollu mal-konvenut.

8. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, l-attur qal li minkejja li l-istima mogħtija minnu ma tindikax jekk l-ammont jinkludix il-VAT jew le, huwa kien għamel verifiki mad-Dipartiment tat-Taxxa, u kien ġie infurmat li ladarba l-istima ma tindikax dan, il-VAT hija eskluża. Qal li l-istima tiegħu tkopri l-materjal u x-xogħol tiegħu. Qal li x-xogħol li ġie inkarigat jagħmel tlesta kollu, u għamel ukoll xi xogħol addizzjonali li għalih kellu jiġbor €1,200 li ma tħallasx tiegħu. Qal ukoll li hu ma ħariġx stima għax-xogħol addizzjonali li kien intalab jagħmel wara li beda x-xogħlijiet. L-attur ikkonferma li huwa tħallas mill-konvenuti €2,500 bħala depożitu ftit qabel kien lest mix-xogħol.

9. Il-konvenut **Colin Schiavone** qal li huwa kien talab lill-attur imur fl-appartament fejn sar ix-xogħol, fejn talbu jispjegalu l-kont, iżda li l-attur baqa' ma tahx spjegazzjoni dwar il-kont maħruġ minnu. Qal iżda li l-attur qabel ma telaq mill-appartament tiegħu, kien qabel li jirċievi ħlas ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300) mingħand il-konvenut, u l-kwistjoni tispiċċa hemm. Il-konvenut qal ukoll li mhux minnu li huwa ħallas lill-attur €2,500 bħala depożitu ftit qabel l-attur lesta x-xogħol.

10. Il-konvenut qal li huwa kien talab lill-attur jagħtih stima tax-xogħol addizzjonali li dan kellu jagħmel, iżda l-attur kien qallu biex jirranġaw fl-aħħar. Il-konvenut qal ukoll li meta huwa ġibed l-attenzjoni tal-attur għal xi prezzijiet imnizzlin fil-kont, dan beda jnaqqas il-prezzijiet minn jeddu. Il-konvenut ippreżenta wkoll xi ritratti li juru l-istat tal-appartament wara li sar ix-xogħol mill-attur, kif ukoll ritratti li juru fejn ix-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti, flimkien ma' kopja tar-rapport tal-Perit Godwin Abela. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, il-konvenut qal li l-attur ma lestiex ix-xogħol li kellu jagħmel, u minkejja li huwa ma ppretendiex li l-attur imur inaddaf il-ħmieġ li tħalla fuq il-post, huwa kien jistenna li dan ineħħi xi affarijiet li ħalla warajh. Il-konvenut qal ukoll li waqgħet *bulkhead* li kien għamel l-attur, u din waqgħet waħedha mingħajr ma messha ħadd. Il-konvenut qal ukoll li mhux minnu li huwa qatt ma gerger dwar il-kwalità tax-xogħol qabel intbagħat il-kont finali.

## Is-Sentenza Appellata

11. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' April, 2022, it-Tribunal laqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, ċaħad it-talba prinċipali tal-attur, u laqa' l-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti billi ordna lill-attur rikonvenzjonat iħallashom is-somma ta' elfejn, tmien mija u erbgħa u ħamsin Euro (€2,854), bl-imgħax legali mit-23 ta' Lulju, 2019 sad-data tal-pagament effettiv, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"__L-Ewwel Eċċezzjoni__*

*Illi qabel ma t-Tribunal jinvesti fil-mertu ta' dan il-każ ikun utli li primarjament tiġi trattata l-ewwel eċċezzjoni mqanqla mill-konvenuti rikonvenzjonanti. Din tgħid li l-*

*istima oriġinali ma kinitx tinkludi t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud mentri imbagħad il-fattura finali żiedet dan l-ammont.*

*Illi r-riżoluzzjoni ta' din l-eċċezzjoni tinstab f'dak li jridu d-diversi sub-artikoli tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Jekk l-attur ried juri li huwa eżentat minn din it-Taxxa kien l-oneru tiegħu li jipprova dan. Hija però l-presunzjoni korretta li dik l-ewwel stima kienet tinkludi din il-forma tat-Taxxa u huwa assolutament inutli li ġie indikat il-persentaġġ ta' 0% ħdejn dan l-ammont. Dan però m'għandux ifisser li din l-azzjoni tfalli b'mod awtomatiku. Tfisser biss li jekk l-attur jingħata raġun fit-talba prinċipali, dan il-fattur irid jiġi wkoll determinat f'xi eventwali likwidazzjoni finali.*

*Illi għalhekk din l-eċċezzjoni hija tajba u sejra tintlaqa'.*

***<u>Mertu – Talba Prinċipali</u>***

*Illi magħmul dan ir-riassunt u deċiża l-ewwel eċċezzjoni, it-Tribunal iqis li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija dik emerġenti mill-artikoli 1633 sa 1643 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u allura t-Tribunal qiegħed jikkunsidra l-kuntratt ta' bejn il-kontendenti bħala wieħed t'appalt.*

*Illi b'mod ġenerali (fn. 15 Hawnhekk, it-Tribunal ikun qiegħed jonqos jekk ma jagħmilx referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Pierre Darmanin vs Moira Agius et</u>**, (App. Ċiv. Nru. 323/2002/1). L-enunċjazzjoni elaborata dwar il-prinċipji ġuridiċi rigwardanti l-istitut t'appalt, magħmula f'dik is-sentenza, hija ta' spiss segwita u mħaddna mill-Qrati tagħna. Dan it-Tribunal ukoll jieħu okkażjoni jagħmel tiegħu t-tagħlim hemm imfisser.) jingħad li min jikkuntratta sabiex jagħti bħala oġġett prestazzjoni* da fare, *jitqies li qiegħed jobbliga ruħhu li jagħmel dan b'diliġenza ta'* bonus paterfamilias. *(fn. 16 F'dan is-sens, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Alfred Spiteri et vs Silvio Busuttil</u>**, (App. Ċiv. 1408/1996/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Mejju, 2010, fejn intqal hekk: "*Fost l-obbligazzjonijiet li għandhom b'oġġett prestazzjoni "di fare", bħal ma hekk hu l-kuntratt ta' appalt, hu mistenni li dik l-obbligazzjoni tiegħu tagħti riżultat finali u tajjeb f'kull rispett, biex jista' jingħad li l-appaltatur ikkonforma ruħhu mal-mudell tad-diliġenza tal-bonus paterfamilias skont l-Artikolu 1132 Kodiċi Ċivili. Il-kunċett ta' din id-diliġenza jimplika li hu jadopera l-kawteli indispensabbli għall-adempiment tal-prestazzjonijiet tiegħu skont ir-regoli tal-arti u tat-teknika tajba. Dan, difatti, huwa kriterju għal liema spiss drabi jagħmlu riferiment il-Qrati tagħna. Hekk ingħad illi l-obbligu tad-diliġenza jikkomprendi li l-appaltatur jippresta kapaċità ordinarja u wkoll "*quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli è imposto dalla natura del contratto."* Ara "Carmelo Scicluna – vs Giuseppe Mallia et", Appell Ċivili, 31 ta' Mejju, 1929;") *B'mod aktar speċifiku*

*imbagħad, għal dak li jikkonċerna vizzji fix-xogħol magħmul, appaltatur huwa hekk preżunt li jkun ħati f'każ li xi vizzju jew difetti jimmanifestaw ruħhom. (fn. 17 Dwar dan, issir referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet* ***Raphael Micallef vs Anthony Agius****, (Ċit. Nru. 1003/1989/2), mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Ġunju, 2004 (mhux appellata) fejn, wara li saret referenza estensiva għall-ġurisprudenza in materja, ġie enunċjat, b'awtorità, is-segwenti: "*Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza prevalenti l-appaltatur huwa meqjus fi ħtija għax-xogħlijiet eżegwiti mhux skont l-arti u s-sengħa, jekk jinstabu vizzji u difetti f'dawn l-istess xogħlijiet. Vizzji li hu seta' induna bihom jew kellu, dejjem in bażi għar-regola tal-arti, jintebaħ bihom.") *Issa huwa hekk ġustament mgħallem li appaltatur m'għandux jissokta li jespleta l-inkarigu mogħti lilu jekk iqis li l-istruzzjonijiet sejrin jirriżultaw f'xogħol ħażin. (fn. 18 Issir referenza, fost diversi, għas-sentenza fl-ismijiet* ***Francis Stivala noe vs Hector Borg pro et noe****, (Ċit. Nru. 446/1994/2) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Frar, 2003 (mhux appellata) fejn reġa' ġie kkonfermat hekk: "*Jinstab ritenut ukoll illi "l-appaltatur ma hux meħlus mir-responsabbilità avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xogħol" ("Nobbli Giaoccino Attard Montalto – vs – Emanuele Schembri et", Appell Kummerċjali, 28 ta' Ġunju, 1957). Anzi jingħad ukoll illi "*è dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidità e contrari alle buone regole della arte" ("Nicola Vella – vs – Luigi Agius", Appell, Sede Inferjuri, 7 ta' April, 1923); Huwa għandu jeżegwixxi x-xogħol lilu kommess fis-sens li* "għandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xogħol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. F'każ bħal dan hu għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġru 'l quddiem." *("Mario Blackman – vs – Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummerċjali, 27 ta' Marzu, 1972)". Huwa obbligu prinċipali tal-appaltatur li jara li x-xogħol li sejjer iwettaq ikun sejjer isir utilment għall-kommittent li jkun inkarigah. (fn. 19 F'dan is-sens ukoll, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***C&F Building Contractors Ltd vs Tal-Grazzja Autocare Co. Ltd****. (Ċit. Nru. 975/2000/1) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' April, 2012 (mhux appellata).*

*Illi kif indikat fl-ewwel parti ta' din id-deċiżjoni l-unika xhieda li ddeponu f'dan il-każ kienu l-attur rikonvenzjonat u l-konvenut rikonvenzjonanti Schiavone. Dan tal-aħħar però, apparti provi dokumentarji (inkluż numru konsiderevoli ta' ritratti) eżebixxa wkoll rapport tekniku.*

*Illi dwar dan ir-rapport tekniku, l-attur rikonvenzjonant jistieden lil dan it-Tribunal jiskartah kompletament minħabba l-fatt li l-perit li rrediġieh ma ġiex preżentat quddiem it-Tribunal sabiex jieħu l-ġurament fuqu. (20 vide t-trattazzjoni finali tal-avukat difensur tal-attur rikonvenzjonat, partikolarment a fol. 138 tal-proċess). Issa,*

*bħala daħla jingħad li tali prova hija aċċettata fis-sistema tagħna (fn. 21 Artikolu 563A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta), salv biss għall-fatt li prova simili hija soġġetta għall-istess kriterji ta' valutazzjoni magħmula meta perit tekniku ikun ġie inkarigat minn awtorità ġudikanti. (fn. 22 Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Għalhekk, huwa applikabbli wkoll it-tagħlim li soltament jiġi mfakkar f'dan ir-rigward. (fn. 23 fuq din it-tematika wieħed huwa mistieden jara l-ġabra ġurisprudenzjali rakkolta fis-sentenza fl-ismijiet* ***<u>Noel Pisani et vs Adam Bartolo</u>*** *(Rik. Ġur. Nru.: 13/06JZM), mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' April, 2016, per Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon (mhux appellata). Issa dwar il-ġurament o meno, it-Tribunal ikollu jistqarr li kien ikun ferm iktar għaqli għall-konvenuti rikonvenzjonati li tali perit ġie ukoll prodott sabiex jistqarr il-kontenut tar-rapport imħejji minnu. Madanakollu, dan it-Tribunal irid ifakkar li għad-differenza tal-Qrati ordinarji huwa mhuwiex marbut bl-aħjar prova. (fn. 24 Artikolu 9(2)(b) tal-Kapitolu 390 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***<u>Herman Rantasa et vs Kevin Buttigieg et</u>****, (App. Ċiv. Nru. 614/2006/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar, 2008 fejn intqal hekk: "*Ferm dan il-ħsieb, din il-Qorti ċiononostante dak affermat b'mod ġenerali kwantu għall-"aħjar prova" bħala prinċipju regolatur in materja ta' provi taħt l-ordinament proċedurali tagħna fil-Kapitolu 12, ma tistax tinjora d-dispożizzjonijiet tal-liġi speċjali. Senjatament, l-Artikolu 9 (2) subpara. (b) tal-Att V tal-1995 li jiddisponi li l-Ġudikatur "għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx mabrut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xhieda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu jkunu biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-każ li jkun qed jittratta.")

*Illi apparti minn hekk, il-Qrati tagħna wkoll straħu u għamlu referenza għar-relazzjonijiet tekniċi* ex parte *mhux ġuramentati. (fn. 25 Wieħed huwa mistieden jara dak li ġie trattat fl-appell fis-sentenza fl-ismijiet* ***<u>Margaret Galea et vs Victoria Galea</u>****, (Rik. Ġur. Nru.: 900/2018/2) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-23 ta' Novembru, 2020. Ukoll dan il-punt ġie dibattut (u respint għal min għamlu) fis-sentenza fl-ismijiet* ***<u>Cedric Mifsud vs Blye Engineering Co. Ltd</u>.*** *(App. Ċiv. Nru: 4/2000/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) li kienet tittratta rapport peritali minn perit nominat mit-Tribunal (li naturalment huwa differenti mill-każ tal-lum). Ukoll dwar dan l-aspett, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***<u>Emanuel Sammut vs Alfred u Pauline konjugi Bezzina</u>****, (App. Ċiv. Nru. 1323/1999/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-4 ta' Ottubru, 2002). Finalment, ir-rapport huwa redatt u ffirmat minn perit li ilu snin jagħti s-servizzi tiegħu fil-Qrati tagħna bħala espert perit tekniku. Għalhekk għal dak li huwa l-kriterju rikjest mill-vot tal-liġi,*

*dan it-Tribunal huwa sodisfatt kemm mill-esperjenza u l-kwalifiċi tal-istess perit. Illi dan ir-rapport jitkellem ċar u ma jħalli l-ebda dubju f'moħħ it-Tribunal li x-xogħol magħmul mill-attur rikonvenzjonat ma kienx wieħed sodisfaċenti. Anzi, jirriżulta li dan ix-xogħol ma kienx tal-ebda utilità għall-konvenuti rikonvenzjonanti u li l-istess irid jierġa' jinqala' u jerġa' jsir mill-ġdid. (fn. 26 Ir-rapport peritali testwalment jagħlaq hekk: "*9. The Undersigned, as stated in paragraph 4 above, believes that the soffit must be redone in its totality and that no further payments be made to D. Gypsum Unique.")

*Illi apparti minn hekk, mir-ritratti eżebiti għandu jirriżulta ċar li fil-fatt kien hemm diversi nuqqasijiet da parti tal-attur. Kif jaraha dan it-Tribunal, l-attur rikonvenzjonat ma huwa intitolat għall-ebda pagament ukoll għaliex ix-xogħol imwettaq wera diġà difetti serji u essenzjali. (fn. 27 Fost diversi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Charles Camilleri et vs Charles Farrugia noe****, (Ċit. Nru. 1494/1992/1) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Frar, 2004 fejn reġa' ġie ribadit hekk: "*Kif qalet din il-Qorti fil-kawża "Brownrigg noe vs Spiteri", deċiża fis-27 ta' Ġunju, 2003, l-appaltatur ma huwiex meħlus mir-responsabbilità avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xogħol. Il-verifika u l-approvazzjoni ġeneralment isiru għall-finijiet tal-ħlas, iżda b'daqshekk ma jiġix eżonerat mir-responsabbilità jekk nonostante kontroll diliġenti fil-mument tal-verifika, 'il quddiem jinstab li x-xogħol ma sarx sew. Jekk id-difetti jkunu ta' ċerta gravità l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-'exceptio non rite ademplenti contractus' għad-domada li ssirlu għall-ħlas; jekk min-naħa l-oħra d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jiġu riparati jew jaċċetta riduzzjoni." *Ukoll, ma jirriżultax li l-ftehim bejn il-kontendenti kien wieħed t'appalt spezzettat (fn. 28 Għalhekk dan tallum mhuwiex każ t'appalt stabbilit a miżura) iżda ġie miftiehem prezz wieħed għal xogħol uniku.*

*Illi għalhekk it-talba prinċipali hija destinata li tfalli.*

***Kontro-Talba***

*Illi dwar il-kontro-talba, ir-raġunament hawn fuq magħmul għandu wkoll, sa ċertu limiti, l-applikabilità tiegħu. Għalhekk jista' jingħad li jeżistu wkoll l-elementi neċessarji sabiex l-ewwel parti tal-kontro-talba, fejn trid li l-attur rikonvenzjonat iħallas l-ammont inizjalment imħallas lilu rifuż lill-konvenuti rikonvenzjonanti in linea ta' danni għandha mis-sewwa u sejra tintlaqa'. (fn. 29 Artikoli 1125, 1135 u strettament fuq appalt l-artikolu 1649(3) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Mekanika Limited vs Eurobyte Limited****, (Ċit. Nru. 2532/200/1) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-10 ta' Novembru, 2010) (mhux appellata).*

*Illi hija l-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal li kien jispetta lill-attur rikonvenzjonat li b'xi mod ixejjen il-kontenut ta' dan l-aspett tekniku. (fn. 30 Ikun utli li ssir referenza għal dak li jgħid il-ġurista* ***Michele Taruffo*** *fil-ktieb tiegħu* ***Verso la Decisione Giusta*** *fejn dan jamplifika hekk: "*Bisogna d'altronde considerare che il giudice non opera da solo e nel vuoto. La prova scientifica si forma e si acquisisce nel contradittore delle parti, e cioé comporta almeno due conseguenze di rilievo. La prima è che anche gli avvocati debbono disporre delle conoscenze di carattere epistemologico necessarie per un impiego razionale delle prove scientifiche, ad esempio per verificare preliminariamente la loro attendibilità e controllare la qualità degli esperti di cui si servono come periti di parte. Naturalmente gli stess criteri servono per valutare l'attendibilità delle altre perizie di parte, ed anche per verificare la qualità dell'esperto nominato dal giudice. La seconda conseguenza è che i difensori, eventualmente per mezzo dei loro periti, possono fornire al giudice gli elementi necessari per una valutazione critica approfondita delle prove scientifiche acquisite al processo. Sotto questo profilo spetta alle parti e ai loro difensori il diritto e il dovere di collaborare con il giudice per un corretto apprezzamento di queste prove." *– G. Giappichelli Editore, 2000, Kapitolu 20 intitolat* La scienza nel processo: problemi e prospettive, *a fol. 295.) Anzi, fuq dan l-aspett kien hemm silenzju assolut u frankament il-verżjoni mogħtija minnu tikkonferma li fil-verità kien hemm ħtieġa li jitranġaw xi affarijiet. Hu stess jammetti li kien hemm diversi difetti.*

*Illi finalment, dwar it-talba magħmula mill-konvenuti rikonvenzjonanti rigwardanti l-ispejjeż inkorsi għar-rapport peritali magħmul mill-Perit Abela, jingħad li dawn ukoll għandhom jiġu rimborsati mill-attur hekk rikonvenzjonat. Jemerġi ċar li tali rapport kien meħtieġ a fini ta' dawn il-proċeduri (fn. 31 Ir-rapport huwa datat 19 ta' Lulju, 2019, u ċioé tmintax-il ġurnata wara l-preżentata ta' din l-azzjoni. Huwa ċar għal dan it-Tribunal li dan ir-rapport ġie mħejji proprju sabiex il-konvenuti setgħu jiddefendu (u f'dan il-każ ukoll iħejju azzjoni fil-forma ta' kontro-talba) dawn il-proċeduri) u li għen ukoll fir-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza. Għalhekk, it-Tribunal ma jsib xejn ħażin li spejjeż (fn. 32 L-ammont mitlub huwa wkoll ikkonfermat bil-fattura fiskali li tinsab a fol. 106 tal-proċess) ta' din in-natura ikunu wkoll inkorporati u mitluba f'dan il-qafas (ċioe bħala danni). Tassew il-Qrati tagħna (fn. 33 F'dan is-sens wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal u ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-25 ta' Frar, 1956 (Onor. Imħallef W. Harding) fis-sentenza fl-ismijiet* ***George Attard vs Michele Galea****) u anki dan it-Tribunal (diversament presedut) (fn. 34 F'dan is-sens wieħed huwa mistieden jirreferi għall-elaborazzjoni fuq dan il-punt magħmula fis-sentenza fl-ismijiet* ***Norbert Caruana et vs Kuraturi Deputati għall-assenti Joseph u Maria Busuttil*** *(545/2018 KCX) mogħtija nhar l-1 ta' Novembru, 2021, (mhux*

*appellata) aċċettaw talbiet għall-ħlas ta' periti ex parte. Dan it-Tribunal, fid-dawl ta' dak hawn fuq indikat qiegħed jerġa' jtenni din il-pożizzjoni.*

*Illi għalhekk il-kontro-talba għandha tintlaqa' fl-intier tagħha.*

*Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti, qiegħed jiċħad it-Talba prinċipali tal-attur rikonvenzjonat u filwaqt li jilqa' l-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti jordna li l-attur rikonvenzjonat iħallas lill-konvenuti rikonvenzjonanti l-ammont ta' elfejn, tmien mija u erbgħa u ħamsin Euro (€2,854) bl-imgħax legali mid-data tat-23 ta' Lulju, 2019 (fn. 35 Għalkemm dan l-ammont qiegħed jingħata fil-forma ta' danni, dan l-ammont ġie speċifikat fil-kontro-talba u għalhekk, fil-fehma ta' dan it-Tribunal huwa applikabbli għal dak li jrid l-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-sejħa magħmula f'dak l-att kienet talba għal ammont speċifiku) sad-data tal-pagament effettiv.*

*L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-attur rikonvenzjonat."*

**<u>L-Appell</u>**

12. L-appellant appella minn din is-sentenza tat-Tribunal permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-2 ta' Mejju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tirriforma s-sentenza tat-Tribunal tat-12 ta' April, 2022, billi tiċħad l-eċċezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenut, u tilqa' t-talbiet tal-attur.

13. L-appellant spjega li huwa ħassu aggravat għaliex it-Tribunal sejjes il-konklużjonijiet tiegħu fuq ir-rapport ippreżentat mill-appellat rikonvenzjonant, u skarta għal kollox il-korrispondenza li kien hemm bejn il-partijiet, liema korrispondenza ġiet ippreżentata kemm mill-attur kif ukoll mill-konvenuti. Spjega li din il-korrispondenza turi kif mhux biss l-appellat kien sodisfatt bix-xogħol li għamel l-appellant, iżda li kien biss wara li l-appellant talab il-ħlas dovut minnu li l-appellat beda bl-ilmenti tiegħu. L-appellant qal li l-appellati

kienu sodisfatti bix-xogħol li sar minnu, u dawn kienu lesti li jagħmlulu reklam tajjeb ma’ terzi. L-appellant qal li l-ilmenti tal-appellati dejjem kienu fir-rigward tal-ammont tal-ħlas li kellu jitħallas lilu, u kien biss lejn l-aħħar tax-xogħol li bdew jissemmew l-allegati ħsarat. L-appellant qal li uħud mill-ħsarat li ssemmew mill-appellati m’għandhom x’jaqsmu xejn max-xogħol tiegħu, u qal li huwa tqabbad jagħmel xogħol ta’ kisi bil-ġibs, filwaqt li l-ħsarat li qegħdin jilmentaw minnhom l-appellati huma dwar tindif u ħsara f’*hood.* L-appellant qal li waqt il-kontro-eżami tal-appellat, irriżulta li kien huwa stess li kkawża xi ħsara meta mess *access panel, meta* l-appellant kien qallu biex ma jagħmilx dan. Qal li huwa dejjem ta spjegazzjoni ċara u konsistenti dwar il-flus li huma dovuta lilu mill-appellati, u għalhekk m’għandu jkun hemm l-ebda dubju li dawn il-flus huma dovuti skont il-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet. L-appellant qal li apparti minn hekk, hemm xogħol addizzjonali li sar minnu fuq struzzjonijiet tal-appellati, li għalhekk ma jistgħux jilmentaw li ma kienx hemm ftehim dwar xogħol addizzjonali, għaliex kien fl-interess tagħhom li jaqblu fuq il-prezz ta’ dawn ix-xogħlijiet qabel jikkummisjonaw lill-appellant biex jagħmilhom.

14. L-appellant qal li x-xogħol fuq il-proprjetà tal-appellati dam għaddej għal tul ta’ żmien, u waqt li kienu għaddejjin dawn ix-xogħlijiet, ma kien hemm l-ebda ilment da parti mill-appellati dwar ix-xogħol li kien qiegħed isir minnu. Qal li kien biss lejn l-aħħar tax-xogħol, li saru ilmenti li ġew solvuti minnu f’qasir żmien. L-appellant qal li r-rapport tal-Perit Godwin Abela huwa datat d-19 ta’ Lulju, 2019, għalkemm l-istess Perit jgħid li mar fuq il-post f’April 2019, filwaqt li r-relazzjoni bejn il-partijiet iddeterjorat b’mod gravi minħabba n-nuqqasijiet tal-appellati f’Jannar tal-2019. L-appellant qal li għalhekk ir-rapport sar aktar

minn tliet xhur wara li tlestew ix-xogħlijiet, u dan ir-rapport għalhekk ma jirriflettix ix-xogħol li sar minnu fil-mument li fih tlestew ix-xogħlijiet. L-appellant qal li minn dan joħroġ kif l-appellati ma għamlu l-ebda tentattiv sabiex jirranġaw ix-xogħol ħażin li allegatament sar minnu. L-appellant qal li mill-messaġġi li hemm bejn il-partijiet, ma jirriżultax li kien hemm xogħol ħażin fil-grad li qed jgħid il-Perit Abela mqabbad unilateralment mill-appellati bħala parti mill-provi tagħhom. Qal ukoll li mill-messaġġi joħroġ bl-aktar mod ċar kif il-biċċa l-kbira tan-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet kien għaliex l-appellati ma ridux iħallsu VAT fuq l-ammont mitlub mill-appellant, u dan sempliċiment għaliex huma ma ridux li jagħmlu dan, u mhux għaliex ix-xogħol ma kienx skont is-sengħa u l-arti. Qal li l-appellati ħallsu lill-appellant id-depożitu li kien miftiehem minn qabel, wara li kienu nbdew ix-xogħlijiet, u għalhekk huwa fatt li l-appellati kellhom kull opportunità li jaraw il-mod li bih kien qegħdin isiru x-xogħlijiet u jitolbu opinjoni professjonali jekk kien evidenti li x-xogħol ma kienx qiegħed isir kif suppost. L-appellant qal li dan ma sarx, u mill-korrispondenza bejn il-partijiet joħroġ ċar kif sal-aħħar l-appellati baqgħu joffru flus lill-appellant biex jevitaw li jittieħdu proċeduri legali fil-konfront tagħhom. L-appellant qal li x-xogħol sar sew minnu, tant hu hekk li l-appellant ġie mitlub jagħmel aktar xogħlijiet, fatt li minnu nnifsu juri li l-appellati kienu sodisfatti bix-xogħol li kien qiegħed isir mill-appellant. L-appellant qal li ma ġiex ikkontestat li huwa tqabbad jagħmel xogħlijiet addizzjonali mill-appellati, u mill-provi jirriżulta li kull meta kien hemm xi problema dwar ix-xogħol magħmul minnu, dan dejjem ġie rranġat fil-pront a spejjeż tal-appellant innifsu. Qal ukoll li l-appellat xehed li kien imur jiċċekkja l-affarijiet, u qal li meta dawn ma jogħġbuhx kien jiġbed l-attenzjoni tal-appellant għal dan. L-appellant qal li mill-kontro-

eżami li sar lill-appellati, jirriżulta li huwa kien għamel xogħol addizzjonali fuq talba tal-appellat stess, u huwa ma kienx tħallas ta' dan mill-appellat, minkejja li huwa kien tahom skont fuq il-kont f'tentattiv biex jintemmu l-vertenzi bejn il-partijiet. L-appellant qal li waqt il-kontro-eżami ħareġ ukoll li bejn il-partijiet kien intlaħaq ftehim dwar ix-xogħol li kellu jsir, u kemm kellu jkun il-ħlas tiegħu għal dan ix-xogħol, u għalhekk l-elementi legali li jiffurmaw ftehim bejn il-partijiet ġew sodisfatti u kkonfermati. L-appellant qal ukoll li x-xogħol li sar minnu kien għas-sodisfazzjon tal-appellat, li waqt il-kontro-eżami kkonferma għal darba oħra li huwa kien offra li jħallas lill-appellant aktar minn erbat elef Euro bħala pagament għax-xogħol li sar. L-appellant qal li xi ħadd li jkun konvint li x-xogħol ma sarx skont il-ftehim, ma kienx joffri li jħallas minn rajh somma kbira għax-xogħol imwettaq mill-appellant, aktar u aktar għal xogħol mhux meqjus skont is-sengħa u l-arti.

15. L-appellant qal li dan kollu ġie skartat mit-Tribunal minħabba r-rapport tal-Perit Godwin Abela, meta dan ir-rapport lanqas biss ġie kkonfermat bil-ġurament. L-appellant qal li t-Tribunal straħ fuq il-fatt li l-Perit Abela ilu snin twal jagħti s-servizzi tiegħu fil-Qrati tagħna bħala espert tekniku, u għalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt kemm mill-esperjenza kif ukoll mill-kwalifiki tal-istess Perit. L-appellant sostna li dan huwa raġunament skorrett, u l-fatt li l-Perit magħżul mill-appellati huwa wieħed magħruf, m'għandux ikun biżżejjed biex ir-rapport tiegħu jiġi aċċettat mingħajr ebda riżerva. L-appellant qal li dan ir-raġunament iqajjem dubju anki dwar x'kienet tkun id-deċiżjoni tat-Tribunal li kieku l-Perit magħżul mill-appellati kien xi ħadd differenti u mhux daqstant magħruf. L-appellant qal li t-Tribunal irrimarka dwar il-fatt li waqt il-proċeduri

l-Perit ma ttellax jixhed, u qal li kien ikun ferm aħjar li kieku dan ittella' jixhed, iżda minkejja dan ir-relazzjoni tal-Perit Godwin Abela ġiet aċċettata mingħajr ebda riżerva. L-appellant qal li t-Tribunal skarta għal kollox il-fatt li din ir-relazzjoni saret fuq talba diretta tal-appellati, u mhux fuq inkarigu tat-Tribunal, u li l-Perit ħejja r-rapport unikament fuq struzzjonijiet tal-appellati li kienu wkoll klijenti tiegħu, u dan il-fattur iqajjem tħassib dwar l-imparzjalità ta' din ir-relazzjoni.

16. B'riferiment għall-kontro-talba, l-appellant qal li in vista ta' dawn il-fatti, il-kontro-talba għandha tiġi miċħuda, u dan għaliex l-ammont li ġie mħallas mill-appellati huwa dovut lill-appellant, kif joħroġ ċar mill-korrispondenza bejn il-partijiet, minn fejn għandu jirriżulta wkoll li dan l-ammont qatt ma seta' jintalab lura mill-appellat għaliex skont huma x-xogħol ma kienx skont is-sengħa u l-arti. Qal li apparti minn hekk, kienu l-appellati li daħlu fl-ispejjeż ta' Perit purament għaliex l-appellant fetaħ proċeduri legali kontra tagħhom, u għalhekk m'għandux ikun li l-appellant jintalab jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li saru minnhom.

**Ir-Risposta tal-Appell**

17. L-appellati wieġbu li s-sentenza mogħtija mit-Tribunal hija ġusta u timmerita konferma. Qalu li l-appell tal-appellant huwa bbażat fuq l-apprezzament tal-provi, u li jeżistu diversi pronunzjamenti ġudizzjarji li jgħidu li l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti, f'dan il-każ it-Tribunal, m'għandux jiġi disturbat leġġerment. Qalu li f'dan il-każ ma ntweriet l-ebda ġustifikazzjoni għal bidla fl-apprezzament tal-provi, u kuntrarjament għal dak allegat mill-

appellant, l-apprezzament tal-provi li sar, kien wieħed akkurat, tajjeb u ta' min jikkonfermah.

18. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, l-appellati qalu li l-fatt li l-appellant jgħid li l-korrispondenza li kien hemm bejn il-partijiet ġiet ippreżentata miż-żewġ partijiet, juri li t-Tribunal ma kisirx il-prinċipju tal-imparzjalità. Qal li kieku t-Tribunal skarta l-korrispondenza mressqa miż-żewġ partijiet, it-Tribunal ma jkunx qiegħed jagħti widen lil parti waħda biss, jew jisma' x'għandha xi tgħid parti waħda biss, u fi kwalunkwe każ għandu jirriżulta li t-Tribunal ma skarta l-ebda korrispondenza. Qalu li t-Tribunal għamilha ċara li ċerta informazzjoni ġejja minn konversazzjoni fuq il-*mobile*, u fil-konsiderazzjonijiet tiegħu t-Tribunal irrikonoxxa li ġiet ippreżentata dokumentazzjoni li tinkludi konversazzjoni mal-konvenuti. Qalu li għalhekk mhux minnu li t-Tribunal skarta għal kollox il-korrispondenza sħiħa li kien hemm bejn il-partijiet, u l-fatt li dawn il-konversazzjonijiet ma ngħatawx l-interpretazzjoni soġġettiva li qiegħed jipprova jtihom l-appellant, ma jfissirx li dawn il-konversazzjonijiet ġew skartati mit-Tribunal. L-appellati qalu li l-fatt li t-Tribunal ma qabilx mal-appellant, ma jfissirx li dan naqas milli jieħu konjizzjoni tal-provi kollha.

19. L-appellati għamlu riferiment għall-artikolu 1640(3) tal-Kap. 16 fir-rigward tax-xogħol li sar mill-appellant, u tal-artikolu 9(2)(b) tal-Kap.380 tal-Liġijiet ta' Malta dwar ir-rilevanza tar-rapport peritali mressaq minnhom quddiem it-Tribunal. Qalu li l-artikolu 1640(3) jispjega li kull min iħoll il-kuntratt ta' appalt irid iħallas lill-appaltatur għall-ispejjeż żejda li jkun għamel u tal-valur tax-xogħol li jkun sar wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u ta' dak

ix-xogħol. L-appellati qalu li mhux minnu li min-naħa tagħhom ma kienx hemm ilmenti dwar il-kwalità tax-xogħol, u l-argument tal-appellant lanqas m'huwa rilevanti għaliex hemm fehma teknika ċara dwar il-kwalità tax-xogħol. Qalu li huwa għal kollox irrilevanti l-fatt li r-rapport peritali sar f'April tal-2019, għaliex kif inqala' d-diżgwid bejn il-partijiet, ħadd aktar ma ħadem fil-fond, u għalhekk dak li rriżulta lill-perit kien dak li ħareġ minn taħt idejn l-appellant. L-appellati jgħidu li mhux minnu lanqas dak li jallega l-appellant li huwa rċieva d-depożitu ftit qabel kien lest ix-xogħol, għaliex id-depożitu tħallas minnhom kif wasal il-materjal fuq il-post. Qalu wkoll li r-rapport tal-Perit Abela juri biċ-ċar li l-appellant ħadem b'mod dilettantesk, u għalhekk dan ix-xogħol ma kellu l-ebda siwi għalihom. Qalu li għalkemm jilmenta ħafna dwar ir-rapport tal-Perit Abela, dan effettivament ma jgħidx fejn il-Perit żbalja, jew għal liema raġuni huwa ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tiegħu. Qalu li fl-appell ma hemm l-ebda sustanza teknika, iżda sempliċiment ilment proċedurali li ma għandu l-ebda siwi funzjonali li b'xi mod jipprova juri li x-xogħol sar sew, u fl-istess appell lanqas m'hemm indikazzjoni li x-xogħol sar sew, għaliex l-appellant qagħad 'il bogħod milli jindirizza l-aspett tekniku tax-xogħol tiegħu. L-appellati qalu wkoll li jekk l-appellant kien daqstant konvint mix-xogħol tiegħu, dan seta' faċilment iġib perit tiegħu, jew jitlob il-ħatra ta' perit tekniku sabiex ixejjen dak li rrelata dwaru l-perit *ex parte.*

20. L-appellati qalu li l-appellant ħoloq konfużjoni fit-tempistika ta' kif seħħew l-affarijiet, bil-għan li jpinġi stampa differenti minn kif ġraw l-affarijiet. Qalu li l-appellant bl-ebda mod ma kkontesta r-rapport tal-Perit Abela, la bi provi u lanqas b'xi rapport ieħor, jew b'xi sentenza fl-appell. Qalu li dan il-każ

kien karatterizzat minn ħafna provi da parti tal-appellant, li l-ebda waħda minnhom ma turi li huwa għamel ix-xogħol tiegħu sew. L-appellati qalu li t-Tribunal fl-ebda waqt ma jiddubita minn dak li qal il-Perit Godwin Abela, mhux biss għaliex dan għandu reputazzjoni stabbilita, iżda wkoll għaliex ir-rapport innifsu huwa ċar u ma jħalli l-ebda dubju. Qalu li għalhekk huwa inġust u żleali li wieħed jaqbad mal-kumment tat-Tribunal dwar ir-reputazzjoni tal-perit, u jinsa dak li jingħad fir-rapport innifsu. Qalu li l-argument li għaliex dan huwa perit *ex parte* donnu li mhuwiex bniedem ta' min joqgħod fuqu, m'huwa bbażat fuq l-ebda disposizzjoni tal-liġi, speċjalment meta wieħed jikkonsidra li l-appellant kellu dritt iġib perit tiegħu, iżda naqas milli jagħmel dan.

21. B'riferiment għall-aggravju tal-appellant dwar il-kontro-talba, l-appellati qalu li l-appellant naqas li jgħid li huwa lanqas biss ikkontesta l-kontro-talba tagħhom. Qalu li l-appellant mhux jifhem x'effett iħalli nuqqas ta' risposta quddiem Tribunal ta' kompetenza inferjuri. Qalu wkoll li huwa prinċipju rassodat li r-risposti u l-eċċezzjonijiet għandhom jinġabu f'waqthom jew bil-permess tal-Qorti, u mhux wara li jgħaddi t-terminu tagħhom, jew fi stadju inoltrat tal-proċeduri, sakemm dawn ma jkunux ta' natura perentorja. Qalu wkoll li risposta ċertament li ma tistax issir permezz ta' aggravju. L-appellati qalu li meta ma titressaqx risposta jew eċċezzjonijiet, dan ikun ifisser li min kellu jirrispondi jew jagħti l-eċċezzjonijiet tiegħu, ikun qiegħed jirrinunzja għalihom, aktar u aktar meta wieħed jikkonsidra l-fatt li l-appellant kien ġie validament notifikat bil-kontro-talba, u xorta waħda baqa' ma weġibx għaliha. L-appellati qalu li fi kwalunkwe każ, ir-rapport tal-Perit Abela jiġġustifika li tiġi milqugħa l-

kontro-talba, anke li kieku din ġiet imwieġba, *multo magis* meta ma kinitx ikkontestata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

22. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fis-sentenza appellata u tas-sottomissjonijiet tal-appellati.

*L-ewwel aggravju: dwar il-korrispondenza bejn il-partijiet*

23. L-appellant sostna li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi għaliex skarta għal kollox il-korrispondenza li kien hemm bejn il-partijiet, u straħ minflok fuq ir-rapport tal-Perit *ex parte.* L-appellant qal li mill-korrispondenza li kien hemm bejn il-partijiet, kellu jirriżulta li l-appellati kienu kuntenti bix-xogħol imwettaq minnu, tant hu hekk li dawn kienu disposti li jħallsu parti mill-kont li ntbagħat minnu, iżda nqalgħet kwistjoni bejn il-partijiet għaliex l-appellati ma ridux iħallsu l-VAT fuq il-ħlas mitlub minnu. Fil-korrispondenza tagħhom l-appellati qalu wkoll li huma kienu lesti li jagħmlu reklam tajjeb għax-xogħol tal-appellant, u dawn tant kienu sodisfatti bix-xogħol li sar minnu, li saħansitra tawh xogħol addizzjonali, apparti x-xogħol oriġinarjament miftiehem bejn il-partijiet.

24. L-appellati laqgħu għal dan billi qalu li ma jistax jingħad li t-Tribunal ma kienx imparzjali, għaliex it-Tribunal spjega li l-messaġġi tal-*Whatsapp* esebiti ġew ippreżentati miż-żewġ partijiet, u għalhekk f'każ li t-Tribunal ma ħax

konjizzjoni ta' dawn il-messaġġi, li mhux il-każ, dan kien qiegħed jiskarta prova li tressqet a konjizzjoni tiegħu miż-żewġ partijiet.

25. Il-Qorti tqis li l-uniċi provi li kellu quddiemu t-Tribunal, kienu x-xhieda tal-partijiet, il-kopji tal-messaġġi telefoniċi li għaddew bejn il-partijiet, ir-ritratti esebiti mill-appellati, u r-rapport tal-Perit *ex parte*. Mhuwiex ikkontestat li l-appellant ġie inkarigat jagħmel xogħol ta' kisi bil-*gypsum* u tibjid ġewwa appartament proprjetà tal-appellati, u li dan ix-xogħol ħa madwar erba' xhur biex tlesta. Il-partijiet qablu wkoll li l-appellant kien ta stima qabel beda x-xogħol, u l-appellati ħallsuh €2,500 mill-prezz miftiehem, għalkemm hemm diverġenza bejn il-partijiet dwar id-data meta sar dan il-ħlas. L-appellant jinsisti li mhux minnu li x-xogħol li sar minnu ma kienx skont is-sengħa u l-arti, u jallega saħansitra li l-appellati kienu kuntenti bix-xogħol tiegħu, tant hu hekk li dawn offrew li jħallsuh parti sostanzjali mill-ħlas mitlub minnu, għalkemm il-partijiet tlewmu meta l-appellant qal li kien ser jibda proċeduri legali sabiex jitħallas tax-xogħol tiegħu. Min-naħa tagħhom l-appellati laqgħu għal dan billi inkarigaw lill-Perit Godwin Abela, li ħejja rapport li jgħid ċar u tond, "*[t]he undersigned noted the poor standard of installation with visible undulations of the soffit surfaces in several areas ... These undulations were probably the result of insufficient frame supports",* u "*The undersigned believes that these defects cannot be made good other than the replacement of the soffit with better and more frequent supports."* Il-Perit Abela, fir-rapport tiegħu, semma istanzi oħra fejn fil-fehma tiegħu l-prezz mitlub mill-appellant kien eċċessiv jew mhux dovut minħabba l-kwalità inferjuri tax-xogħol li sar mill-appellant. Il-Qorti, li ħadet konjizzjoni tal-messaġġi li ntbagħtu bejn il-partijiet, tirrileva li kien hemm istanzi

fejn l-appellat ġibed l-attenzjoni tal-appellant għall-fatt li x-xogħol ma kienx sodisfaċenti, fosthom f'messaġġ telefoniku mibgħut fl-31 ta' Diċembru, 2018, u ieħor mibgħut mill-appellat fl-4 ta' Jannar, 2019 fejn l-appellat elenka d-difetti li sab fil-post wara li l-appellant kien lesta x-xogħol. Mill-messaġġi mibgħuta bejn il-partijiet, jirriżulta li l-appellati ma kinux disposti jħallsu l-kont kollu mibgħut mill-appellant fl-ewwel lok għaliex dan ma kienx qalilhom li l-istima mogħtija minnu ma kinitx tinkludi l-VAT, iżda meta l-appellant baqa' jinsisti fuq il-ħlas tal-ammont kollu pretiż minnu, l-appellati inkarigaw Perit *ex parte*, li tahom parir ma jħallsux il-bilanċ tal-prezz mitlub mill-appellant għaliex ix-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti, tant hu hekk li x-xogħol li sar fis-saqaf irid jinbidel kollu. F'dan ir-rigward il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tat-Tribunal. Minn qari tal-messaġġi li ntbagħtu bejn il-partijiet, jista' jkun li kien hemm żmien fejn il-partijiet xtaqu jirrisolvu din il-vertenza bil-kelma t-tajba, iżda meta daħal element ta' pika bejn il-partijiet, l-appellati ingaġġaw Perit *ex parte* li kkonkluda li l-ebda ħlas ma kien dovut lill-appellant. Il-Qorti għalhekk hija konvinta, li kif jirriżulta mir-rapport u mir-ritratti esebiti fil-proċess, li t-Tribunal kien ġustifikat jakkampa mal-opinjoni esperta kontenuta f'rapport *ex parte* esebit mill-appellati, minflok ma' dak li l-partijiet qalu lil xulxin f'sensiela ta' messaġġi telefoniċi, u dan fin-nuqqas ta' provi li jixħtu dubji fuq il-veraċità ta' dak li rrelata l-Perit *ex parte* fir-rapport tiegħu. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *xogħol imwettaq mill-appellant*

26. L-appellant jgħid li huwa ma kellu l-ebda ilment mill-appellati waqt li kien qiegħed iwettaq ix-xogħlijiet in kwistjoni, u kien biss wara li huwa semma li kien

ser jieħu parir legali, li dawn qalulu li kien hemm xi difetti fix-xogħol. L-appellant qal ukoll li l-appellati nkarigawh b'xogħol addizzjonali ma' dak li kien wettaq oriġinarjament, li jfisser li dawn kienu kuntenti bix-xogħol li kien għamel. Qal li l-appellat innifsu xehed li huwa kien imur jiċċekkja x-xogħol, u dan qal li kieku x-xogħol ma għoġbux, kien jiġbed l-attenzjoni tal-appellant minnufih, u l-appellati saħansitra offrewlu somma flus biex il-vertenza bejniethom tingħalaq darba għal dejjem, iżda kien hu li rrifjutaha.

27. Il-Qorti tgħid li filwaqt li huwa minnu li r-rapport tal-Perit Godwin Abela sar madwar tliet xhur wara li kien lesta x-xogħol tiegħu l-appellant, in-natura tax-xogħol li għamel l-appellant kienet maħsuba biex isservi għal tul ta' żmien, u mhux li tibda turi difetti serji proprju ftit tal-ġimgħat wara li dan lesta x-xogħlijet tiegħu, kif jirriżulta mir-rapport tal-Perit *ex parte*, li spjega għal liema raġunijiet fil-fehma tiegħu x-xogħol ma ħariġx unit, u kkonkluda li l-kisi fis-saqaf kellu jinbidel kompletament. Lejn tmiem l-inkarigu mogħti lill-appellant, kien diġà evidenti għall-appellati li x-xogħol lil-appellant għamel fil-fond tagħhom ma kienx skont is-sengħa u l-arti, tant hu hekk li fil-messaġġ tal-4 ta' Jannar, 2019, l-appellat elenka lista ta' problemi li sab fil-fond, u talab lill-appellant imur jirranġahom. Quddiem dawn il-fatti kif jirriżultaw mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti, m'hemmx lok għal tibdil fis-sentenza mogħtija mit-Tribunal. Wara kollox l-appellant seta', kieku ried, iqabbad Perit Tekniku sabiex jirribatti ir-rapport tal-Perit Abela, iżda kemm fil-messaġġi telefoniċi li kien hemm, kif ukoll fid-deposizzjonijiet mogħtija minnu, l-appellant imkien ma pprova li dawn id-difetti rriskontrati mill-Perit *ex parte* mhumiex riżultat tax-xogħlijiet imwettqa minnu. Fil-fatt l-appellant ma jagħtix spjega sodisfaċenti dwar il-

kwalità tax-xogħlijiet imwettqa minnu, u tul dawn il-proċeduri huwa jinsisti biss fuq il-fatt li huwa lesta x-xogħol, u għalhekk għandu dritt jitħallas. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

*It-tielet aggravju:* *ir-rapport tal-perit* ex parte

28. L-appellant sostna li ladarba l-Perit Godwin Abela ġie nkarigat mill-appellati, ir-rapport imħejji minnu ma jistax ikun imparzjali, proprju għaliex dan kien qiegħed jaġixxi fuq inkarigu li ngħata mill-konvenuti fil-kawża.

29. Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn tiddubita li professjonist ser jonqos milli jkun oġġettiv u fattwali għaliex ikun ġie inkarigat minn parti f'kawża. It-Tribunal mill-ewwel spjega li għal raġunijiet prattiċi, fi proċeduri li jsiru quddiemu, mhux soltu li ssir ħatra ta' esperti ġudizzjarji, iżda t-Tribunal ma żamm lil ħadd mill-partijiet milli jressaq dawk il-provi li jidhirlu li huma meħtieġa sabiex jipprova l-każ tiegħu. L-appellant kellu l-għażla li hu wkoll jinkariga Perit Tekniku tal-għażla tiegħu u jitolbu jirrrelata dwar il-kwalità tax-xogħol imwettaq minnu, u kellu l-għażla wkoll li jitlob li l-Perit Abela jittella' jixhed fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, u jassoġġettah għall-kontro-eżami, xi ħaġa li proċeduralment l-appellant naqas milli jagħmel. Ma jistax issa l-appellant jiġi quddiem il-Qorti u jallega li l-perit tekniku *ex parte* b'xi mod naqas, ma kienx imparzjali, jew ta stampa li tpoġġi lill-appellant f'dawl ikrah, filwaqt li jagħti raġun lill-appellati. Ir-ritratti esebiti ma jista' jmerihom ħadd, u fuq kollox l-appellant ma ġab l-ebda prova sabiex juri xi strutturi uża biex isaħħaħ is-saqaf qabel espleta l-inkarigu tiegħu, li kienet il-kritika ewlenija li għamel il-Perit Abela

fir-rapport tiegħu. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju: il-kontro-talba*

30. L-appellant jgħid li l-kontro-talba tal-appellati ma kellhiex tiġi milqugħa, partikolarment għaliex l-appellati qatt ma qalulu li ma kinux disposti li jħallsuh għaliex ix-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti, kif ukoll għaliex kienu l-appellati li minn jeddhom daħlu għall-ispiża ta' perit *ex parte* wara li huwa fetaħ proċeduri legali kontra tagħhom sabiex jitħallas għax-xogħol tiegħu.

31. Il-Qorti tirrileva li l-fatt l-appellant ma daħħal l-ebda nota ta' eċċezzjonijiet jew risposta wara l-kontro-talba tal-appellati, dan in-nuqqas waħdu ma jimporta l-ebda ammissjoni da parti tal-appellant għat-talbiet tal-appellati, kifipprova jimplika l-avukat difensur tal-appellati waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti. Il-fatt li l-appellant ma ta l-ebda ġustifikazzjoni għal dan in-nuqqas tiegħu, m'għandux jimmilita kontra tiegħu, u fil-fatt ma jirriżultax li t-Tribunal ħa d-deċiżjoni tiegħu bil-mod kif ħadha għaliex l-appellant naqas milli jippreżenta risposta għall-kontro-talba tal-appellati.

32. Imma din il-Qorti tqis li l-provi prodotti ma jagħtux raġun lill-appellant meta dan jinsisti li hu m'għandux ikun kostrett irodd lura l-flus li rċieva mingħand l-appellati, u jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li dawn kellhom jagħmlu biex inkarigaw perit tekniku *ex parte*. Mill-atti jirriżulta bl-aktar mod ċar li x-xogħol li sar mill-appellant m'huwa tal-ebda utilità għall-appellati, u għalhekk dan irid jinqala' u jsir mill-ġdid. Il-Perit Godwin Abela qal illi għal din ir-raġuni, l-

ebda flus m'huma dovuta lill-appellant, stante li x-xogħol difettuż imwettaq minnu ma serva għal xejn, u għalhekk l-appellati m'għandhomx ikunu kostretti jħallsu tiegħu. Waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, l-avukat difensur tal-appellati qal li r-rapport tal-Perit *ex parte* sar wara li kien l-appellant stess li talab lill-appellati jinkarigaw Perit sabiex dan jiċċertifika x-xogħol. Dan ma jirriżultax mill-provi. Imma jirriżulta li kienet l-attitudni tal-appellant li ġabet lill-appellati f'sitwazzjoni fejn dawn kienu kostretti jinkarigaw perit sabiex dan jiċċertifika x-xogħol li sar, u jagħti l-fehma professjonali tiegħu dwaru. Il-Qorti tirrileva li kien ikun aħjar għall-partijiet kollha involuti f'din il-kawża li kieku x-xogħol sar tajjeb mill-ewwel u l-appellant tħallas tiegħu, mingħajr il-ħtieġa ta' litiġazzjoni u mingħajr il-ħtieġa li jitqabbad perit tekniku *ex parte* sabiex jiċċertifika jekk ix-xogħol li sar huwiex ta' utilità għall-appellati jew le. Il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tat-Tribunal, li l-appellant għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha inkorsi mill-appellati, u għaldaqstant tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**